**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 12 ta' Marzu 2019 — Perry Ellis International Group vs EUIPO (PRO PLAYER)**

**(Kawża T-220/16)** [1]

***(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali PRO PLAYER — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001))***

(2019/C 155/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Perry Ellis International Group Holdings Ltd (Nassaw, il-Baħamas) (rappreżentanti: O. Günzel u C. Tenkhoff, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Rampini u K. Markakis, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Frar 2016 (Każ R 1091/2015-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali PRO PLAYER bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Perry Ellis International Group Holdings Ltd għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

(1) ĠU C 232, 27.6.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019 — Inpost Paczkomaty u Inpost vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi Magħquda T-282/16 u T-283/16)** [1]

***("Għajnuna mill-Istat — Settur postali — Kumpens għall-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-obbligi ta' servizz universali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża")***

(2019/C 155/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti fil-Kawża T-282/16*: Inpost Paczkomaty sp. z o.o. (Kraków, il-Polonja) (rappreżentanti: inizjalment T. Proć, sussegwentement D. Doktór, avukati)